MALTA

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Guramentat Nru: 640/15 MH**

**Illum**

**Malta International Airport p.l.c. (C12663)**

**vs**

**Safety and Security Management Ltd (C37504)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 2 ta' Lulju, 2015, fejn gie premess:

**"Tesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu Austin Calleja detentur tal-karta ta' l-identita numru 356254(M) jikkonferma illi:**

**1. Fis-26 ta' Settembru 2013, is-socjeta konvenuta accetat ordni mis-socjeta` attrici biex tbiegh u tikkunsinna *fire-fighting clothing* ghall-prezz kumplessiv ta' €8,094.80 liema oggetti qatt ma gew ikkunsinjati (Kopja tal-*Purchase Order* qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok M1A1.)**

2. **Is-socjeta` attrici kemm il-darba gibdet l-attenzjoni tas-socjeta intimata dwar id-dewmien tal-kunsinna u kull darba s-socjeta` konvenuta taghti l-assigurazzjoni li l-kunsinna kienet ser tigi facilitata. Umbaghad, fit-3 ta' Gunju 2014, jigifieri tmien xhur war li nharget il-Purchase Order, il-partijiet iltaqghu sabiex jiddiskutu din il-kwistjoni u s-socjeta` konvenuta dakinhar stess ikkommettiet ruhha li tikkunsinna l-oggetti fi zmien tlett gimghat minn dik id-data, jigifieri sa l-ahhar ta' Gunju 2014 bejn wiehed u iehor.**

3. **Fil-frattemp, is-socjeta` konvenuta kienet accetat il-hlas ta' dawn l-oggetti billi sarrfet ic-*cheque* ghall-ammont kollu €8,094.80 fit-2 ta' Ottubru 2013. (Qed jigi anness u mmarkat bhal a Dok M1A2 il-konferma mill-bank li l-pagament sar u c-cheque gie msarraf. Madankollu, sallum, is-socjeta` attrici la rceviet dawn l-oggetti u lanqas ma giet rimborzata l-prezz li hallset ghalihom.**

4. **Ghalkemm ma kienx hemm kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet, id-dispozizzjonijiet tal-ligi jipprovdi illi kuntratt ta' bejgh jipperfetta meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet fuq l-oggett u l-prezz , anki jekk l-oggett ma jigix trasferiti u l-prezz mhux imhallas. Ghalhekk hija l-umli fehma tas-socjeta esponenti li bejn il-partijiet hemm kuntratt validu skont il-ligi.**

5. **Apparti dan, skont l-artikolu 1385 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk il-bejjiegh jonqos milli jaghmel il-kunsinna fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista' jaghzel, *inter alia,* li kuntratt jigi mahlul. F'dan il-kaz, mhux tali kunsinna ma saritx fiz-zmien preskritt imma lanqas biss saret. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti tixtieq illi l-kuntratt ta' bejgh jigi mahlul u dan skont l-istess artikolu tal-ligi.**

**Ghaldaqstant, u abbazi tas-suespost, is-socjeta rikorrenti titlob ir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. **Tiddikjara illi hemm kuntratt validu ta' bejgh bejn il-partijiet in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 1347 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi taghha, u cioe, li naqset milli tikkunsinna l-haga mibjugha ai termini ta' l-artikolu 1378 tal-Kap.16 u tiddikjara, ai termini ta' l-artikolu 1385 tal-Kap. 16, li jigi mahlul il-kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet;**

**3. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lura lis-socjeta esponenti l-ammont ta' €8,094.80 bl-interess u kull spiza legittimu ohra u dan ai termini ta' l-artikolu 1404 tal-Kodici Civili Kap. 16;**

**4. Tillikwida u tordna l-hlas ta' l-ammont hekk dovut".**

Rat li ghalhekk is-socjeta attrici talbet illi din l-Qorti;

1. Tiddikjara illi hemm kuntratt validu ta' bejgh bejn il-partijiet in kwistjoni u dan ai terminu ta' l-artikolu 1347 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta

2. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi taghha, u cioe, li naqset milli tikkunsinna l-haga mibjugha ai termini ta' l-artikolu 1378 tal-Kap 16 u tiddikjara ai termini ta' l-artikolu 1385 tal-kap 16 li jigi mahlul il-kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet

3. Tordna is-socjeta' konvenuta thallas lura lis-socjeta esponenti l-ammont ta' €8,094.80 bl-interessi u kull spiza legittima ohra u dan ai termini ta' l-artikolu 1404 tal-Kodici Civili Kap 16

4. Tillikwida u tordna l-hlas ta' l-ammont hekk dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat li jibqa ngunt ghas-subizzjoni**.**

Rat ukoll id-dokumenti kollha esebiti ma l-istess rikors guramentat u cioe Dok MIA1 il-kopja tal-purchase order datata 26 ta' Settembru 2013, ghalhekk konsistenti fl-ordni ta' merce li saret mis-socjeta attrici lil dik konvenuta datata 26 ta' Settembru, 2013 fl-ammont iddikjarat kif jidher fit-tieni pagna ta' l-imsemmi document ( folio 4 u 5). Rat ukoll id-dokument MIA2 li huwa cheque image ta' hlas li sar lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici ghal ammont pretiz ta' ..8,094.80 u li juri ukoll li l-istess cheque gie , *encashed,* imsarraf fit-2 ta' Ottubru, 2013.

Rat id-digriet taghha datat 6 ta' Lulju, 2015 u s-sussegwenti nota attrici datata 28 ta' Awwissu, 2015 li inaderit mad-digriet imsemmi u biha gew esebiti zewg affidavits dak ta' Patrick Magro u ta' Charles Borg.

Rat ukoll illi wara diversi attentati falluti biex il-konvenuta socjeta tigi notifikata, saret in-notifika tramite il-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni

f'zewg gazetti lokali, wahda bil-lingwa Maltija, l-Orizzont datat 8 ta' Ottubru, 2015 u l-ohra fil-gurnal it-*Times of Malta* datat 7 ta' Ottubru, 2015.

Rat ukoll in-notifika bl-affissjoni datata 29 ta' Settembru, 2015:

Rat pero li nonostante l-imsemmija notifiki u publikazzjonijiet , is-socjeta intimata baqghet kontumaci;

Rat ukoll in-nota tas-socjeta attrici li biha presentat fost ix-xhieda in dettal lilha mitluba, dokumenti ohra u cioe kopja ta' korrispondenza skambjata bejn il-partijiet immarkata bhala Dok MIA3 (folio 37) kif ukoll ittra bl-avukat mibghuta lis-socjeta intimata datata 17 ta' Dicembru, 2014, immarkata bhala Dok MIA4 (folio 39). Jidher mill-korrispondenza suriferita lis-socjeta konvenuta kienet qed tirrikonoxxi illi kellha diffikolta illi taghti konsenja tal-merce lilha ordnat u anke imhallas lis-socjeta attrici, attribwibbli dana skontha ghal problem li kienet qed issib mal-fornitur taghha, tant li anke kienet offriet u dan gie accettat, kreditu a favur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn ewro li kellu pero jintuza f'xiri ta' prodotti minghand l-istess socjeta konvenuta. Jidher ukoll minn din il-korrispondenza, issa dik datat 17 ta' Dicembru, 2014, allura aktar minn sena wara l-pagament illi l-*fire fighting clothing* mixtri minghand is-socjeta konvenuta, da nil-merce l-oggett tal-bejgh, kien ghadu ma giex fil-pussess tas-socjeta attrici;

Rat ukoll dak li xehed Patrick Murgo, bhala head of Security Services tas-socjeta attrici, dan ikkonferma l-purchase order kif riflessa fid-dokument MIA1 kif ukoll l-hlas ta' l-istess kif jidher fid-dokument MIA2. Ghalkemm xehed li kienu saru komunikazzjonijiet bejn iz-zewg socjetajiet fuq in-nuqqas ta' konsenja tal-merce ordnata ma xehedx kif kien jaf b'dan. Ikkonferma ukoll illi is-socjeta konvenuta qatt ma kienet irrifondiet lura l-flejjes li irceviet ghal bejgh inkwistjoni

Min naha tieghu Charles Borg inkarigat bhala *Fire and Rescue Services Executive* mas-socjeta attrici xehed li fit-tlieta (3) ta' Gunju, 2014 kien presenti ghal laqgha li saret ma Simon Soler, direttur tas-socjeta konvenuta, fejn dana kien infurmah li kellu problema mall-fornitur tieghu, pero lis-sitwazzjoni bejniethom kienet ittejbet. Zid jghid ukoll illi Soler kien anke offra lis-socjeta attrici, minhabba d-dewmien tal-konsenja tal-hwejjeg, l-elfejn kreditu gia msemmija. Qal li rrispondieh l-accettazzjoni ta' dan b'email datata 14 ta' Awwissu, 2014 esebita bhala Dok CB1 ( FOLIO 48).

Ikkonsidrat

Illi l-fatti tal-kawza huma cari, x-xiri lis-socjeta attrici ghamlet minghand is-socjeta konvenuta ta' *fire fighting clothes* li adirittura hija hallset u li taghhom baqghet qatt ma rceviet il-kunsinna dan nonostante laqghat u interpellazzjonijiet lis-socjeta konvenuta kif ben jirrizulta mid-dokumenti esebiti.

Is-socjeta konvenuta baqghet kontumaci.

Is-socjeta attrici qeghda tibbaza t-talbiet taghha a bazi ta' l-artikoli 1347, 1378 u 1385 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu tal-ligi li jaghti definizzjoni ta' l-att tal-kompra vendita, bejgh huwa 1346 tal-Kap 12, ighid;

*" Il-bejgh hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha"*

L-artikolu sussegwenti, il-1347 invokat mis-socjeta attrici fit-talbiet taghha ikompli illi;

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-propjeta tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin l-haga nfisha tibqa ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej"*

L-artikolu 1378 jistipula illi ; *"Il-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha*"

L-artikolu l-iehor li ghalih sar referenza jittrata issa dwar ir-rimedji tax-xerrej meta ma ssirx lilu l-kusinna tal-mobbli mixtrija minghand il-bejjieh, ighid ghalhekk l-artikolu 1385
*" Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna, fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista jitlob, kif jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew il huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha, izda kemm il-darba id-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh biss*"

Illi kif huwa stipulat fl-artikolu 1346 suriferit il-bejgh huwa rabta bejn parti li tobbliga ruhha ghal kunsinna tal-oggett suggett tal-bejgh u l-parti l-ohra li tintrabat li thallas ghal dan.

Mill-provi mressqa jirizulta lis-socjeta attrici mhux tali kienet lesta li tintrabat ghal hlas imma adirittura hallset l-istess merkanzija skont il-fattura lilha mahruga mis-socjeta konvenuta, u fuq kollox ghalkemm dan mhux element naxxenti mill-artikolu in ezami, is-socjeta konvenuta ghazlet li ssarraf a gwadan taghha ic-*cheque* li bih sar il-hlas lilha kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti.

Jirrizulta wkoll lis-socjeta konvenuta ghazlet li tibqa siekta ghat-talbiet attrici bili lanqas dahhlet difiza per via di eccezzjonijiet.

Is-socjeta attrici kif kienet ix-xelta taghha taht l-artikolu 1385 talbet li tinhall mill-kuntratt ta' dan il-bejgh. Din il-Qorti minn imkien ma jirrizultalha mod iehor illi in-nuqqas ta' kunsinna ma kienetx attribwibbli lis-socjeta konvenuta, dan in kwantu ghal dak previst fl-artikolu 1385 suriferit.

Bla dubbju kif jirrizulta mill-artikolu 1378 citat il-kunsinna tal-hwejjeg mibjugha huwa obbligu lil ligi tqieghed fuq il-parti tal-bejjiegh. Ghalhekk il-bejgh ma jistax jitqies li gie onorat jekk tali kunsinna ma tavverax, ghax allura manka hawn onu qawwi lil ligi titfa biss fuq il-bejjeigh. Jirizulta ampju illi l-kunsinna lis-socjeta attrici ilha obbligata almenu fuq sena, u li tant irrikonoxxiet dan in-nuqqas is-socjeta konvenuta li offriet l-kreditu msemmi. Ghalhekk ix-xerrejja ghazlet kif gia determinat it-triq li tinhall min dan il-kuntratt, qieghda wkoll titlob ir-radd lura tal-prezz minnha mhallsa, cioe s-somma hawn fuq imsemmija inkluz l-imghaxijiet.

Rat ghalhekk il-provi lilha migjuba u qeghda ghaldaqstant tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara li kien hemm kuntratt ta' bejgh validu bejn il-partijiet, tilqa t-tieni talba billi tiddikjara l-istess kuntratt ta' bejgh mahlul bejn il-partijiet u dan minhabba nuqqas ta' kunsinna, tilqa t-tielet talba u tikkundanna lis-socjeta konvenuta …………..thallas lura lis-socjeta attrici…………..is-somma ta' €8,094.80, liema somma giet imhallsa lilha bhala prezz tal-bejgh, bl-interessi mid-data tat-tnejn ta' Ottubru 2013.

In kwantu ma gewx pero kwantifikati lilha spejjez ohra  ghajr il-prezz imhallas, mhux qed  tilqa t-talba ta' spejjez legittimi ohra u dan ai terminu ta' l-artikolu 1404 tal-Kap 16.

Tikkundanna wkoll l-konvenut ghal hlas ta' l-ispejjez  legali kollha inkorsi.

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur